MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## MARSEANN FARRUGIA

Seduta ta' l-10 ta' Lulju, 2012

Numru. 36/2005

**Il-Pulizija**
**(Spettur Dennis Theuma)**

**vs.**

**Shone Agius**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet – kif emendati b'digriet ta' dina l-Qorti tat-30 ta' Marzu 2005 - migjuba kontra Shone Agius ta' 30 sena, iben Philip u Mary nee Magro, imwieled il-Pieta fl-24 ta' Frar 1974, li joqghod 60, Sir Patrick Stuart Street, Gzira u detentur tal-Karta tal-Identita numru 123673(M).

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, fit-23 ta' Lulju 2004 u matul ix-xhur ta' qabel:

a) forna jew pprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga eroina, specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta, lill-persuna/i jew għall-użu ta' persuna/i mingħajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta, mingħajr ma kien awtorizzat bir-Regoli tal-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (GN 292/39) jew minn xi awtorita' mogħtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga u ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tas-sitt Taqsima tal-Ordinanza msemmija u mingħajr ma kellu licenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u mingħajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-Regolament 4 tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/39) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

b) kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-medicini perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas milli jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regolament 9 tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/39) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga instabet f'tali cirkustanzi li kienu juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu;

c) Ukoll talli Shone Agius sar recidiv skond l-Artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta datati 20.01.1997 u 25.02.2000.

Wara li semghet ix-xhieda u rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordni tal-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu tnejn (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali.

Wara li rat illi fis-seduta tat-3 ta' Frar 2011, il-prosekuzzjoni ghalqet il-provi.

Wara li rat illi fis-seduta tat-25 ta' April 2012, l-imputat irregistra ammissjoni ghall-akkuzi kif dedotti kontrih. Din l-ammissjoni giet ikkonfermata mill-istess imputat wara li l-Qorti a tenur tal-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta avzatu bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni, u ikkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga' jikkonsidra t-twegiba tieghu u jerga' lura minnha;

Wara li semghet t-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:

**Fatti**

Ma hemmx kontestazzjoni bejn il-partijiet dwar il-fatti saljenti tal-kaz, stante li, apparti l-provi prodotti mill-prosekuzzjoni, l-imputazzjonijiet gew ammessi mill-imputat:

1. Fit-23 ta' Lulju 2004, l-imputat gie arrestat flimkien ma' persuna ohra Daniel Bonello, waqt li kienu go vettura, li giet imwaqqfa mill-pulizija fil-Gzira.

2. Hekk kif gew intercettati mill-pulizija l-imputat bela' pakkett eroina, fil-waqt li Daniel Bonello bela' zewg pakketti eroina. Fl-istqarrija guramentata tieghu Daniel Bonello xehed li huwa kien ghadu kemm xtara dawn iz-

zewg pakketti eroina minghand l-imputat, bil-prezz ta' LM10.00 il-wiehed.[1] Dan gie ukoll ammess mill-imputat fl-istqarrija tieghu.

3. Fl-istqarrija tieghu, li giet ukoll guramentata, l-imputat ammetta li jabbuza mid-droga eroina u li kien ukoll ibieghha biex izomm il-vizzju tieghu, u biex imantni l-familja tieghu, peress illi inqatghalu r-relief li kien jiehu minghand il-Gvern. Kien ilu jbiegh xi sitt (6) xhur. Matul dawn is-sitt (6) xhur kien jixtri minghand terza persuna xi darbtejn jew tlett darbiet fil-gimgha u dejjem f'ammonti ta' hames (5) grammi. Dawn il-hames (5) grammi kien jixtrihom ghal prezz ta' LM140.00. Minn dawn il-hames (5) grammi kien johrog tnax il-pakkett ta' l-LM10.00 biex jigbor flusu u jkun jista' jerga' jixtri u jzomm il-*habit* tieghu fl-istess hin.[2]

4. L-imputat zvela l-identita tat-terza persuna li kienet is-supplier tieghu u anke ippartecipa f'controlled delivery, fejn giet arrestata din it-terza persuna u fuq din it-terza persuna instabet id-droga eroina, f'piz ta' 4.72 grammi,[3] li kienet id-droga li kellu jghaddi lill-imputat. Ittiehdu proceduri kriminali kontra din it-terza persuna li jinsabu pendenti, u l-imputat ghandu jixhed f'dawk il-proceduri.

**Htija**

Illi mill-provi migjuba - u mill-ammissjoni tal-imputat stess, il-Qorti issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu.

**Piena**

Ghall-fini tal-piena, il-Qorti ikkunsidrat li l-imputazzjoni (b) hija assorbita fl-imputazzjoni (a) ai termini tal-Artikolu

[1] Ara xhieda Daniel Bonello a fol. 30 sa 33 tal-process, u l-istqarrija guramenta tieghu a fol. 32 sa 34 tal-Process Verbal ezebit bhala Dok NF a fol. 51 tal-process.
[2] Ara stqarrija ta' l-imputat a fol. 17 u 18 tal-process, u l-istqarrija guramenta tieghu a fol. 51 sa 53 tal-Process Verbal ezebit bhala Dok NF a fol. 51 tal-process.
[3] Ara rapport ta' l-Analista Godwin Sammut a fol. 13 tal-Process Verbal ezebit bhala Dok NF a fol. 51 tal-process.

17(h) tal-Kapitolu 9, stante li serviet bhala mezz ghall-fini sabiex seta' jigi kommess ir-reat ta' traffikar u bejgh tad-droga eroina.

Fil-kaz odjern, l-ammissjoni tal-hati mhix wahda bikrija, stante li l-ewwel seduta inzammet fit-30 ta' Marzu 2005, u l-ammissjoni saret fis-seduta tat-25 ta' April 2012 – cioe iktar minn 7 snin wara li inbdiet. Jigi rilevat li din l-ammissjoni saret wara li l-prosekuzzjoni kienet iddikjarat li ghalqet il-provi taghha fis-seduta tat-3 ta' Frar 2012, u fil-fatt fil-fehma ta' din il-Qorti, il-prosekuzzjoni kienet ippruvat il-kaz taghha l'hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni.  Billi l-imputat xorta hela l-hin tal-Qorti u r-rizorsi tal-Pulizija, u m'ghandu jibbenefika minn ebda riduzzjoni fil-piena ghall-fatt li huwa irregistra ammissjoni wara li l-prosekuzzjoni ghalqet il-provi taghha.

Il-Qorti hadet ukoll in konsiderazzjoni il-fedina raffrettarja tal-imputat. Huwa nstab hati dsatax (19) –il darba u l-ewwel kundanni imorru lura ghall-1993 u l-ewwel kazijiet ta' spacc tad-droga eroina gew decizi fl-1997.  Fost id-diversi kundanni, hemm erbgha (4) ta' serq u hamsa (5) ta' sewqan ta' karozzi minghajr assigurazzjoni u licenzja, kif ukoll hames (5) kundanni relatati ma abbuz tad-droga, tlieta (3) minnhom kazijiet ta' spacc.   Tul dawn is-snin, apparti pieni ta' habs, l-imputat inghata sitt (6) sentenzi sospizi, wahda minnhom b'ordni ta' supervizjoni, ordni ta' probation u liberta kondizzjonata.   Ghalhekk l-imputat inghata diversi opportunijiet biex imur fit-triq it-tajba, izda sfortunatament ma gharafx juzufruwixxi minn tali opportunitajiet, u fil-fatt bhalissa qieghed jiskonta sentenza ta' prigunerija.

Ghall-fini ta' piena il-Qorti hadet ukoll in konsiderazzjoni li l-imputat ikkopera mal-pulizija u d-dikjarazzjoni tal-ufficjal prosekutur li l-hati ghandu jibbenifika minn mitigazzjoni fil-piena a tenur tal-Artikolu 29 tal-Kapitolu 101, stante li l-imputat ghen lill-pulizija billi ghamel stqarrija guramentata u ha parti *f'controlled delivery* b'success.[4] Fid-dawl ta' dina d-dikjarazzjoni, il-Qorti sejra tikkunsidra tnaqqis fil-

[4] Ara verbal ta' l-Ufficjal Prosekutur fis-seduta tal-25 ta' April 2012 a fol. 74 tal-process.

piena ta’ prigunerija b’zewg gradi u l-piena pekunjarja b’nofs.

Pero, fil-kaz odjern dan il-beneficcju huwa in parti newtralizzat bil-fatt li l-hati ammetta wkoll ghall-imputazzjoni li huwa recidiv u meta wiehed jikkonsidra l-fedina penali raffrettarja tal-imputat, il-Qorti tqis li huwa gust li l-piena ghandha tizdied bi grad. Konsegwentement dan l-aggravanti jinnewtralizza bi grad parti mill-beneficcju li l-imputat ghandu jinghata ta’ tnaqqis fil-piena a tenur tal-Artikolu 29 tal-Kapitolu 101, u konsegwentement l-imputat se jinghata tnaqqis fil-piena ta’ grad wiehed biss.

Mill-istqarrija tieghu, konfermata bil-gurament, jirrizulta illi hu kien ilu jbiegh l-eroina ghal madwar 6 xhur. Huwa kien jixtri darbtejn jew tlett darbiet fil-gimgha u dejjem f’ammonti ta’ hames (5) grammi. Ghalhekk huwa kien jixtri bejn 10 u 15-il gramma eroina fil-gimgha. Dawn il-hames (5) grammi kien jixtrihom ghal prezz ta’ LM140.00. Skond l-istess imputat, minn dawn il-hames (5) grammi kien johrog tnax (12)-il pakkett ta’ l-LM10.00 biex jigbor flusu[5] u jkun jista’ jerga’ jixtri u jzomm il-*habit* tieghu fl-istess hin. Dan ifisser li skont l-imputat stess, hu kien ibiegh bejn 24 u 36 qartas fil-gimgha ta’ LM10.00 (12 il-qartas multiplikat bi 2 jew 3 darbiet skont kemm-il darba kien jixtri fil-gimgha). Minn semplici kalkolu matematiku, jekk wiehed jiehu il-minimu ta’ 24 qartas fil-gimgha u jimmultiplikah b’24 gimgha (6 xhur), dan ifisser li l-imputat lahaq spacca mill-inqas 576 qartas.

Il-Qorti tixtieq taghmilha cara li hi tqis it-traffikar ta’ drogi bhala reat serjissimu, u ma huwa ebda attenwant il-fatt li dan isir minn *drug addict* biex jiffinanzja l-problema tad-droga tieghu. Min isofri mill-problema tad-droga u/jew ghandu problemi familjari ghandu jipprova jikkura ruhu u jfittex l-ghajnuna biex isolvi l-problemi familjari, u mhux jittraffika d-droga. Il-vizzju u l-problemi ta’ dak li jkun ma

[5] Naturalment jekk l-imputat kien jixtri hames (5) grammi eroina ghall-prezz ta’ LM140.00 u kien ibiegh minnhom tnax (12)-il pakkett ta’ l-LM10.00, u b’hekk kien idahhal LM120.00, dan ifisser li fuq kull hames (5) grammi li kien jixtri, l-imputat kien imur LM20.00 minn taht.

jintitolahx jaghmel hsara lil haddiehor, u possibbilment jirvina anke zghazagh ohra.

Huwa vera li jidher li f'dawn l-ahhar snin pendenti dawn il-proceduri, l-imputat beda jaghmel l-almu tieghu biex jeghleb il-vizzju ta' droga, u matul dawn l-ahhar xhur li jinsab jiskonta sentenza l-habs, beda jaghmel programm ta' riabilitazzjoni fil-PIP fi hdan l-Agenzija Caritas.[6] Pero kif osservat tajjeb il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza **Pulizija v. Charles Muscat**, deciza fid-9 ta' Mejju 2002: *"Illi din il-Qorti specjalment f'kazijiet bhal dawn relatati ma pprokurar u traffikar ta' droga trid tibbilancja ukoll l-interess tal-appellant u tar-riforma tieghu bhala cittadin mal-aspett punittiv u ta' deterrent ghalih u ghall-persuni ohra li imbarkaw jew behsiebhom jimbarkaw fuq attivita tant nociva ghas-socjeta bhala ma hu l-ispacc jew l-ipprokurar ta' droga, partikolarment fost persuni ta' eta tenera, fenomenu dan li ta' kuljum u kull ma jmur qed johloq pjaga fis-socjeta u bir-ragun jikkreja allarm socjali li jesigi li min jinstab hati ta' eghmil simili jahsad dak li jkun zergha f'termini ta' piena."*

Fis-sentenza **Il-Pulizija v. Joseph Cutajar** deciza fid-29 ta' Ottubru 2009, il-Qorti tal-Appell Kriminali irriteniet illi *"... ... (H)uwa minnu li hafna minn dawn il-kawzi qed jiehdu zmien konsiderevoli biex jigu decizi w fil-frattemp jista' jigri li l-hati jkun hareg mill-vizzju tad-droga, pero f'dawn il-kawzi mhux il-vizzju tad-droga ikun qed jigi punit, imma r-reat ta' spaccar ta' droga lil terzi bil-konsegwenzi serjissimi li dan ovvjament ikun gab mieghu. Hu dwar dan ir-reat li l-appellant ikun irid jaghmel il-kontijiet mas-socjeta."*

Fuq l-istess binarju hija s-sentenza **Pulizija v. Mark Mifsud** deciza fis-6 ta' Dicembru 2002, fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali osservat hekk: *"Huwa veru li wiehed ghandu jiehu in konsiderazzjoni c-cirkostanzi personali tal-hati (inkluz xi progress seta' ghamel minn mindu tressaq il-qorti) b'mod li ma jinjorax ghal kollox ir-riabilitazzjoni,*

[6] Ara xhieda ta' Marilyn Attard a fol. 76 tal-process u ta' Joseph Mallia a fol 80 tal-process.

*jew riabilitazzjoni potenzjali tieghu, pero meta si tratta ta' reati serji bhalma huma traffikar ta' droga, l-element tad-deterrent u tal-gustizzja mas-socjeta ghandu jipprevali fuq konsiderazzjonijiet ta' riabilitazzjoni. L-unika koncessjoni li din il-Qorti hi lesta li taghti lill-appellant hi tnaqqis ta' sena biex tirrifletti dik is-sena li huwa ghamel fil-programm residenzjali."*

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet 4 u 6, l-Artikoli 22(1)(a), 22 (2) (b) (i) u 29 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolamenti 4 u 9 tal-G.N. 292/1939, u l-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti kontrih, u tikkundannah ghal piena ta' erba' (4) snin prigunerija effettiva – li minnhom irid jitnaqqas kull zmien li l-hati ghamel taht arrest preventiv biss in konnessjoni mar-reati li hawn instab hati taghhom - u multa ta' tlett elef Euro (€3,000), li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tista' tithallas b'rati mensili u konsekuttivi ta' mitt Euro (€100.00). L-ewwel pagament ghandu jsir mhux akar tard minn xahar mid-data li fiha l-hati jiskonta l-piena karcerarja li qed tigi b'din is-sentenza erogata, u ghall-dan il-fini r-Registratur ghandu jivverifika mal-awtoritajiet karcerarji din id-data. Pero jekk il-hati jonqos li jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta' gurnata habs ghal kull hamsa u tletin Euro (€35.00) dovut.

Il-Qorti tordna konfiska tal-flus ezebiti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------